**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 50/22 AL

A B C

vs

D B

(MR Nurmu 1245/2016)

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi r-rikorrenti kienet izzewget lill-konvenut nhar it-3 ta' Lulju 2016 u miz-zwieg taghhom twieldu tliet itfal, E, F, G li lkoll ghadhom minuri, (Dok AA)
2. Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Jean Carl Debono nhar l-10 ta' Dicembru 2020 (Dok A anness);

3. Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, ir-Ragel kien irrinunzja mid-dritt tieghu li jitlob u jottjeni manteniment minghand ir-rikorrenti, filwaqt li r-rikorrenti ddekadiet mill istess dritt;

4. Illi in oltre, il-partijiet kienu qablu wkoll li l-konvenut jivversa manteniment ta’ Eur 800 fix-xahar ghall-bzonnijiet tat-tliet ulied; liema manteniment dejjem gie saldat u ghalhekk m'hemm ebda arretrati u pendenzi dwar l-istess;

5. Illi kif anke jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni taghhom, il-partijiet ilhom jghixu hajja separata de facto sa minn Jannar 2020 u llum ma fadal l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta’ Marzu 2022;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li m’ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Dicembru, 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.